MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 218/2009

**David Vella Trading Limited (C 25293)**

**Vs**

**St.Philip's Caterers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà attrici fit-12 ta' Gunju 2009 permezz ta' liema titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmint elef, seba' mija u wiehed u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€8,721.30) rapprezentanti prezz ta' merkanzija minnha ordnata u kkonsenjata lilha. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat bin-Numru 1780/09 ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-effettiv pagament.
Rat illi l-Avviz gie notifikat lis-socjetà konvenuta izda din naqset milli tikkontesta it-talba attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta fis-6 ta' Dicembru 2010 u l-fatt li l-istess socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza, senjatament id-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Dottor Graziella Bezzina li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici ghadu dovut.

**Ikkunsidrat :**

Peress illi s-socjetà konvenuta naqset milli tidher quddiem il-Qorti biex tirrispondi ghall-Kapitolu ipprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici, l-istess Kapitolu qed jitqies moqri u mistqarr. Fid-dawl ta' dan u fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Dottor Graziella Bezzina, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' tmint elef, seba' mija u wiehed u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€8,721.30), bl-imghax legali kif mitlub mis-socjetà attrici. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-Mandat bin-Numru 1780/09 ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------